MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

It-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2017

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Darren Carabott – Kunsillier

ASSENTI
Is-Sur Gianluca Falzon – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

69.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Darren Carabott u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

69.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Numru 66 (sitta u sittin) li saret fis-3 ta' April, 2017 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

### Korrezzjonijiet

69.2.1.1 Minuta 66.2.2 - titneħħa l-kelma "ssuġerixxa" u tiżdied flokha "ssuġġerixxa"

69.2.1.2 Minuta 66.3.4 - titneħħa l-kelma "ssuġerixxew" u tiżdied flokha "ssuġġerixxew"

69.2.1.3 Minuta 66.4.1 – titneħħa l-kelma "ssuġerixxa" u tiżdied flokha "ssuġġerixxa"

## 69.2.2 Punti mqajma mill-minuti

69.2.2.1 Minuta 66.2.2.2 – Is-Sindku informa li saret laqgħa fit-13 t'April, 2017 bejn il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, il-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol ta' restawr fuq l-iskudett. Ser inġibu l-permessi meħtieġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex ikollna l-permessi f'idejna sabiex jinfetaħ il-bieb ta' ħdejn il-funtana u biex isir ir-restawr tal-funtana. Ir-restawr isir skond il-mezzi finanzjarji u hemm il-ħsieb li ż-żgħażagħ japplikaw għal skemi oħra fil-futur sabiex ir-restawr fuq il-funtana jkun komplet.

69.2.2.2 Minuta 66.2.2.3 – Is-Sindku ssuġġerixxa li tinxtara *external hard drive* biex fiha l-*Accountant* ikun jista' jissejvja l-informazzjoni u jkollna wkoll *back-up.*

69.2.2.3 Minuta 66.2.2.3 – Is-Sindku informa li ġibna l-kwotazzjonijiet għas-sistema ta' Sage. Wara li ġew diskussi l-ispesifikazzjonijiet u l-prezzijiet ġie deċiż li tintgħażel is-sistema tal-ICT Solutions.

69.2.2.4 Minuta 66.2.2.5 – Is-Sindku informa li l-Isports Day kienet suċċess. Ħadu sehem madwar 80 tifel u tifla u kien hemm ukoll il-parteċipazzjoni tat-tfal li jilagħbu il-*Frame Football.* Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Jason Mangani li organizza din l-attivita', lis-Sotto Kumitat u lin-nurseries li ħadu sehem. Kien hemm qbil sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament.

69.2.2.5 Minuta 66.2.2.6 – Is-Sindku fakkar fl-issue taċ-ċitazjonijiet antiki. Huwa spjega li peress li l-ammont tal-Administration Fee huwa konsiderevoli (madwar €3,000), ikun aħjar jekk inġibu kjarifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex inkunu ċerti li nibqgħu fil-parametri tal-liġi.
Il-membri kollha qablu unanimament.

Fis-7.00 ta' filgħaxija wasal il-Viċi Sindku Jonathan Brimmer u ngħaqad mal-kumplament tal-membri.

69.2.2.6 Minuta 66.3.5 – Is-Sindku fakkar fil-proposta tal-Malta Libraries. Qed nistennew minn għandhom sabiex isir komunikat biex issir laqgħa magħhom. Is-Sindku informa lill-membri li ġie mistieden għall-*Prize Day* u ser nippreżentaw b'€200 kotba skond il-parametri tal-liġi.
Il-Membri qablu unanimament.

69.2.2.7 Minuta 66.5.1 - Is-Sindku informa lill-Membri li Annalise Mallia, l-iskrivana l-ġdida bdiet taħdem fil-Kunsill mill-25 ta'April, 2017 u diġa qed tagħti l-massimu tagħha. Is-Sindku ppropona li l-*Community Workers* għandhom jintgħataw course ta' *Customer Care Handling.*
Il-membri qablu unanimament.

69.2.2.8 Qari tal-Minuti tal-Laqgħa b'Urġenza Numru 67 li saret nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 fis-6.30pm li fuq l-Aġenda tagħha kellha 'Xogħol fi Triq Qormi'.
Is-Sindku informa wkoll lill-membri li sar rapport lill-pulizija u kkwota n-numru tal-pjanċa tal-trailer li għamel ħsara fis-centre strip u talab lill-avukat biex infittxuhom għad-danni bil-qorti tal-kawżi żgħar.
Is-Sindku informa wkoll li r-residenti ser jiġbdu videos tal-kontainers u bil-ksur tar-regolamenti tat-traffiku u li dawn qed ikunu ta' periklu għar-residenti.
Il-minuti ta' din il-laqgħa ġew approvati unanimament.

## 69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

69.3.1 Is-Sindku informa lill-Membri li rċevejna ittra reġistrata mingħand Jesmond Borg, Triq il-Kanun, Qormi fejn qed isostni li daħal xi drenaġġ għal ġol garaxx tiegħu u kkaġunalu ħsara fil-*car lift*. Tlabna parir tal-avukat peress li dak li rċevejna hija claim tal-insurance però ma bagħatx rapport tal-pulizija. Jidher ukoll li x-xogħol sar mill-Korporazzjoni tal-Ilma u mhux mill-Kunsill Lokali.

69.3.2 Is-Sindku informa lill-Membri li ser issir ċerimonja nhar it-Tlieta 9 ta' Mejju, 2017 fl-4.00pm fejn ser jitqassmu l-flus tal-gwardjani lokali wara li l-LESA ħadet over. Dawn il-flus ser jitqassmu mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali wara li sar ftehim dwar kif għandhom jitqassmu l-flus bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Gvern.

69.3.3 Is-Sindku informa lill-Membri li rċeva rapport dettaljat mingħand il-*Contracts Manager* rigward VM Environmentals li huma l-kolletturi tal-iskart. F'dan ir-rapport ġew osservati numru ta' nuqqasijiet li jmorru kontra l-kuntratt. Għaldaqstant, is-Sindku ssuġġerixxa li tinkiteb ittra iebsa bħala twissija lill-kuntrattur peress li mhux jimxi skond l-iskeda. Fost in-nuqqasijiet imsemmija fir-rapport hemm imsemmi li r-ronda qed tibda qabel il-ħin, qed ikun hemm il-gżuż tal-boroż, nuqqas ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u li r-runners qed jiġru u jwaddbu l-boroż u ma jiġbrux dak li jwaqqgħu.
Il-membri qablu unanimament li għandha tinkiteb ittra ta' twissija.

69.3.4 Is-Sindku informa lill-membri li waslilhom invit għall-kunċert mis-Soċjeta tal-Banda. Il-kunċert ser isir nhar it-Tlieta 16 ta' Mejju, 2017 fis-7.30pm fil-Kulleġġ ta' San Elija, f'Misraħ il-Barrieri.

## 69.4 Rapporti/Korrispondenza

Xejn

## 69.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 69.5.1 Il-Kuntratt tad-Day Care Centre

Is-Sindku informa lill-Membri li l-kuntratt tal-kiri tad-Day Care Centre tal-anzjani ser jiskadi f'Jannar, 2018. Is-sid tal-post irid ikun infurmat 3 xhur qabel. Għaldaqstant irridu noħorġu sejħa peress li l-liġi ma tippermettilniex li nerġgħu inġeddu l-kuntratt. Għaldaqstant ser noħorġu sejħa Expression of Interest u li jkun għal (ħames) snin. Il-Procrement Officer flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Yvonne Spiteri ser jagħmlu żjara fid-Day Care Centre biex inkunu nistgħu noħorġu l-ispecifications għal sejħa tal-Expression of Interest.
Il-membri qablu unanimament.

### 69.5.2 Attivita ta' Jum l-Omm

Is-Sindku informa lill-Membri li bħas-soltu ser isir Kunċert ta' Jum l-Omm nhar is-Sibt 13 ta' Mejju, 2017. Fis-6.30pm ser issir quddiesa akkumpanjata mill-banda u wara jsir il-kunċert mill-banda għall-anzjani. L-ispiża hija bħal dik tas-sena l-oħra jiġifieri €450.

69.5.3 Is-Sindku informa li wara li ġie innotat li l-kontijiet tat-telefon qed jiġu għoljin ħafna, ssuġġerixxa li napplikaw għal-linja tal-mowbajl b'pagament fiss, filwaqt li jitwaqqfu t-telefonati għal-linji fuq mowbajls minn fuq il-linji fissi.
Il-membri qablu unanimament.

69.5.4 Is-Sindku informa lill-Membri li l-ġardinar Charles Scerri ser jiġi mqabbad iħawwel xitel fis-centre strip ta' Triq Qormi, Santa Venera.

## 69.6 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

Ma ġewx ippreżentati rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitat.

## 69.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

## 69.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 305 sa lment numru 363.

| | |
|---|---|
| 305 | Valletta Aluminium Ltd |
| 306 | B. Grima & Sons |
| 307 | Ħaddiema Assenjati |
| 308 | B. Grima & Sons |
| 309 | B. Grima & Sons |
| 310 | B. Grima & Sons |
| 311 | B. Grima & Sons |
| 312 | B. Grima & Sons |
| 313 | B. Grima & Sons |
| 314 | B. Grima & Sons |
| 315 | B. Grima & Sons |
| 316 | B. Grima & Sons |
| 317 | B. Grima & Sons |
| 318 | B. Grima & Sons |
| 319 | B. Grima & Sons |
| 320 | B. Grima & Sons |
| 321 | B. Grima & Sons |
| 322 | B. Grima & Sons |
| 323 | B. Grima & Sons |
| 323 | B. Grima & Sons |
| 324 | B. Grima & Sons |
| 325 | B. Grima & Sons |
| 326 | B. Grima & Sons |
| 327 | B. Grima & Sons |
| 328 | B. Grima & Sons |
| 329 | B. Grima & Sons |
| 330 | Talba lil Transport Malta |
| 331 | Trid issir mill-Kuntrattur li ħadem hemm |
| 332 | Contracts Manager |
| 333 | Jintalbu l-Permessi |
| 334 | Ħaddiema Assenjati |
| 335 | Ħaddiema Assenjati |
| 336 | Azzjoni qed tittieħed |
| 337 | Issewwiet minn GO Plc |
| 338 | Ħaddiema Assenjati |
| 339 | Valletta Aluminium Ltd |
| 340 | Ħaddiema Assenjati |
| 341 | Contracts Manager |
| 342 | Contracts Manager |
| 343 | Rifjutata |
| 344 | Konfini Ħamrun |
| 345 | Ħaddiema Assenjati |
| 346 | Rifjutata |
| 347 | Dawk kienu temporanji |
| 348 | Rifjutata – it-talba trid issir lill-Lands Department |
| 349 | Rifjutata |

| | |
|---|---|
| 350 | Ħaddiema Assenjati |
| 351 | Talba lil Transport Malta |
| 352 | B. Grima & Sons |
| 353 | Ħaddiema Assenjati |
| 354 | Ħaddiema Assenjati |
| 355 | Central Asphalt Ltd |
| 356 | Rifjutata |
| 357 | Change of use – Planning Authority – Jiġu ppreżentati l-permessi |
| 358 | U Bar –Sean Fitz |
| 359 | Ħaddiema Assenjati |
| 360 | Ħaddiema Assenjati |
| 361 | Ħaddiema Assenjati |
| 362 | Contracts Manager |
| 363 | Diġa kien hemm deċiżjoni fuqha |

## 69.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fid-8.30pm u ġiet aġġornata għat-12 ta' Ġunju, 2017, fis-6.30pm.

Konfermati, illum 12 ta' Ġunju, 2017

IFFIRMATI

Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATI

Jane Yvonne Spiteri
Segretarju Eżekuttiv